MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Rikors Numru. 2/2009

**Gorg u Maria aħwa Zammit**

**vs**

**Maria Antonia Galea.**

Ic-Chairman,

Ra r-rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti wara li ppremettew :

Illi huma proprjetarji tal-fond bin-numri sebgħa, tmienja u disgħa (7, 8, 9) u bieb ieħor mingħajr numru fi Triq Gian Piet Agius De Soldanis, Victoria, Għawdex. Illi parti minn dan il-fond jikkonsisti f'ħanut li jġib in-numru sebgħa (7) li tinsab mikrija lill-intimata.

Illi l-fond imsemmi ilu magħluq għal dawn l-aħħar sitt (6) snin u ma jinfetaħx għan-negozju u ma huwa qed isir ebda bejgħ mill-imsemmi fond li kien użat bħala ħanut

biex b'hekk qed isirlu ħsarat bin-*non uso,* kif ukoll bdil fid-destinazzjoni tal-fond.

Illi jirriżulta illi l-fond inqalgħalu l-meter tal-ilma u lanqas ma qed jitħallsu liċenzji għall-operazzjoni ta' l-istess fond biex b'hekk żgur ma jista' qatt ikun ikkunsidrat li għadu ħanut kummerċjali.

Illi għalhekk ġia la darba dan il-fond mhux qiegħed jinfetah regolarment fil-ħinijiet kollha li solitalment jinfetħu l-ħwienet, l-intimata m'għandhiex tibqa' fil-pussess tal-kirja in kwistjoni li għandha għalhekk tiġi terminate u dan kif ġie awtorevolment deċiż mill-*Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi tagħha tat-12 ta' Diċembru, 1996, fil-kawża Maria Concetta Zammit Lupi et –vs- Joseph La Rosa De Cristofaro fuq skorta ta' sentenzi bħal dak deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' ta' Mejju, 1973, fl-ismijiet Joseph Tonna –vs- Anthony Degiorgio; 8 ta' Frar, 1954 – Schembri vs Bonnici; 13 ta' Mejju, 1960 – Portelli vs Debono; 26 ta' Mejju, 1961 – Farrugia vs Vella u 20 ta' Mejju, 1963 – Sultana –vs- Bugeja.*

Illi in oltre' anke meta ħanut ma jinżammx regolarment miftuħ jiġi qiesu li qiegħed jinżamm magħluq u hekk ikun qiegħed jiġi użat mhux skond id-destinazzjoni tiegħu (vide Appell Civili – Mallia vs Farrugia Ellis, deċiża 25 ta' Novembru, 1963) aħseb u ara kif inhu l-każ ta' dan il-ħanut li ilu magħluq snin.

Illi in oltre' meta ħanut idum ħafna magħluq u jibqax jiġi ġestit regolarment, ikun hemm użu divers tal-fond u għalhekk il-protezzjoni tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma tibqax aktar viġenti in confront ta' l-istess intimate (vide Sentenzi Appell Civili – Magro vs Agius – 13 ta' Jannar, 1964; Magri –vs- Farrugia – Vol. 24, Part I, Page 164; John Farrugia vs Giovanna Tabone – 25 ta' ottubru, 1987; Agnes Bezzina et –vs- Albert Rizzo – 17 ta' Gunju, 1995 u Rosina Ciappara –vs- Giovanni Grech – 6 ta' Diċembru, 1994).

Talbu lil dan il-Bord jgħoġbu jordna r-ripreża tal-fond ossia ħanut numru sebgħa (7) Triq Gian Piet Agius De Soldanis,

Victoria, Għawdex fi żmien qasir u perentorju taħt dawk l-ordnijiet u provvedimenti li dan l-Onorabbli Bord jgħoġbu xieraq u opprotun.

Rat ir-riferta pożittiva ta' l-intimata, Maria Antonia Galea, li ġġib id-data ta' l-20 ta' Novembru, 2009. Innota illi l-istess intimata naqset illi tattendi ghas-seduta tal-lum.

Ic-Chairman għal hekk wara li ra l-artiklu 30 tal-Kap 69, u peress illi l-intimata naqset illi tattendi għas-smiegħ ta' dan ir-rikors fid-data appuntata, jilqa' t-talba u jordna t-terminazzjoni tal-kirja tal-fond indikat fir-rikors, u ċioe' numru sebgħa (7) Triq Gian Piet Agius De Soldanis, Victoria, Għawdex, u dana fi żmien tlett xhur mil-lum. Spejjeż għall-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------